MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 101

**It-Tnejn, 11 ta' Marzu, 2019**

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Jason Mangani | Kunsillier |
| Is-Sur Horace Anastasi | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Jonathan Brimmer | Viċi Sindku |
| Is-Sa Elizabeth Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Darren Carabott | Kunsillier |

**ASSENTI**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 101.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**101.1.1** Is-Sindku nforma li s-Sur Darren Carabott kienu ndispost minħabba li jinsab imsiefer fuq studju u għaldaqstant ma setgħux ikun preżenti. Filwaqt li s-Sur Jonathan Brimmer

u s-Sa Elizabeth Vella kienu indisposti. F'dan ir-rigward is-Sur Brimmer, is-Sa Vella u s-Sur Carabott ġew skużati skont l-Ordni Permanenti 14 A (3).

Is-Sur Anastasi informa lis-Sindku u l-membri preżenti li fl-aħħar laqgħa ma setax ikun preżenti minħabba li kien qiegħed l-isptar u b'hekk ma kellux aċċess minn fejn jibgħat notifika li kien ser ikun assenti.

## 101.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-100 laqgħa.

**101.2** Il-minuti tal-100 (mitt) laqgħa li saret fl-18 ta' Frar, 2019 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

## 101.2.1 Korrezzjonijiet

Ma kienx hemm korrezzjonijiet fil-Minuti 99.

## 101.3 Punti mqajma mill-minuti

**101.3.1** Minuta 100.5.4 – Is-Sindku nforma lill-membri li l-litter bins żgħar fejn wieħed ikun jista jarmi l-loqom tas-sigaretti u *chewing gum* jiswew madwar €450. Wara diskussjoni il-membri qablu sabiex jinxtraw 5 u jitwaħħlu fi Triq il-Kbira San Ġużepp.

Il-membri qablu unanimament.

**101.3.2** Punti mqajma mill-ilmenti:-

| | |
|---|---|
| 272 | Ma tistax issir |
| 600 | Il-Kunsill ma jafx min kisser din il-bankina |
| 604 | Lampa ssir fejn hemm is-substation tal-Enemalta. |

**101.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku nforma lill-membri li l-maltemp tal-aħħar jiem għamel ħsarat konsiderevoli ġewwa Santa Venera fejn tqaċċtu siġar f'diversi toroq u kif ukoll fi Ġnien Romeo Romano. Apparti minn hekk tkisser u tqaċċat bieb li hemm fl-istess ġnien. Is-Sindku kompla billi qal li l-ispiża tal-ħsarat tammonta għal madwar €8,600.

## 101.5 *Rapporti/Korrispondenza*

**101.5.1** Is-Sindku informa lill-Membri tal-Kunsill dwar it-*traffic management* ta' Triq San Ġorġ in-naħa tal-mużew minħabba perikli li hemm li jista' wkoll ikun hemm xi inċident fatali. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie deċiż sabiex issir *site plan* u tiġi diskussa waqt il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

Il-membri qablu unanimament

**101.5.2** Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva ittra mingħand iċ-Chairman tal-Awtorita' tad-Djar fejn is-Sur Robert Ducker approva budget ta' €18,000 sabiex igawdu minnhom 3 blokki tal-gvern ġewwa l-lokalita' ta' Santa Venera. Il-lista tal-blokki li fadal u li jistgħu jibbenefikaw minn din l-iskema huma ż-żewġ Blokki ta' Triq it-Turretta, Blokk B tal-Palazzl-Aħmar u Blk H fi Triq Patri Ġustin Sant.

Il-membri qablu unanimament

**101.5.3** Is-Sindku nforma lill-membri d-Dipartiment tad-Dentistrija bil-kollaborazzjoni tal-Universita' ta' Malta qiegħed jippjana sabiex il-Mobile Dental Clinic tkun stazzjonata f'Santa Venera fl-1 ta'April bejn it-8.00am u 12.00pm fejn ir-residenti jkunu jistgħu imorru għall-vista. Wara diskussjoni l-membri qablu sabiex il-Mobile Clinic tkun stazzjonata fi Triq il-Kbira San Ġuzepp ħdejn il-Knisja ftit passi l-isfel mill-Każin tal-Banda

Il-membri qablu unanimament

**101.5.4** Is-Sindku nforma lill-membri li il-Kunsill irċieva korrispondenza sabiex fil-lokalitajiet jitħawlu siġar bil-ħsieb li jsiru *forestation.* Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil sabiex ikun suġġerit li din il-*forestation* issir fi Triq il-Kanun ħdejn is-sit ta' fejn gejja l-*firestation*.

Il-membri qablu unanimament

**101.5.5** Is-Sindku informa lill-membri dwar korrispondenza mingħand il-Ministeru tas-Saħħa sabiex isir attivita' dwar Healthy Living fil-komunita'. Il-Ministeru qed jissuġġerixxu sabiex din l-attivita' ssir fir-2 ta' Mejju bejn it-8:30am u l-11:00am. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie deċiż sabiex din l-attivita' ssir fil-Kullegg Santa Tereża. Is-Sindku qal li hu kien ser jagħmel kuntatt mal-Kap tal-iskola.

Il-membri qablu unanimament

101.5.6 Is-Sindku qal li l-Kunsill waslitlu talba mingħand il-Kumitat li jieħu ħsieb il-grawnd ta' Santa Venera sabiex il-Kunsill jinvesti f'*defilbrillator* li huwa apparat elettroniku li jintuża f'każ li persuna ssofri minn xi attakk tal-qalb. Is-Sindku ppreżenta tlett kwotazzjonijiet u talab lil Aġent Segretarju jarahom u jmur fuq l-irħas kwotazzjoni. Apparti minhekk is-Sindku kompla billi qal li huwa importanti li jsir taħriġ lill-uffiċċjali li ser ikunu responsabbli minn dan l-apparat. Oltre, ġie deċiż bejn il-membri sabiex isir MOU bejn il-Kunsill u l-Kumitat li qed jieħu ħsieb il-grawnd.

Il-membri qablu unanimament

101.5.7 Is-Sindku nforma lill-membri l-Kunsill irċieva talba minghand is-Sur Chris Falzon sabiex issir attivita' privata fi ġnien Romeo Romano b'konnessjoni mal-kampanja elettorali tat-tifel tiegħu li ser ikun kandidat għall-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil li tituża il-parti ta' fejn hemm is-sienja, jkun hemm preżenza ta' *security* tul l-attivita'.

Is-Sindku ppropona u s-Sur Jason Mangani ssekonda din it-talba. Tlieta membri ivvutaw favur din it-talba filwaqt li s-Sur Anastasi oġġezzjona.

## 101.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 101.6.1 Jum l-Omm

Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li bħal ma sar tul dawn l-aħħar snin il-Kunsill ippropona sabiex issir quddiesa bil-parteċipazzjoni tas-Soċjeta Filarmonika ta Santa Venera u festin żgħir ġewwa Istitut Apap għall-anzjani. Wara diskussjoni kien hemm qbil li din issir is-Sibt 11 ta'Mejju, 2019 fis-6:00 ta' filgħaxija.

Il-membri qablu unanimament

## 101.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ma ġewx preżentati minuti jew rapporti ta' Kumitati jew Sotto Kumitati.

## 101.8 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati unanimament mill-membri kollha wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet

Il-membri qablu unanimament

## 101.9 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 122 sa 191.

| | |
|---|---|
| 124 | Ser issir it-triq |
| 129 | Ħaddiema Assenjati |
| 130 | Contracts Manager |
| 132 | Rapport lill-pulizija |
| 134 | Contracts Manager |
| 135 | 1. Saret applikazzjoni ma TM.<br>2. Ser issir aktar il-quddiem<br>3. ERA<br>4. Awtorita tal-Ippjanar infurmati |
| 136 | Ħaddiema Assenjati - issir ukoll tappiera li hemm ħdejn il-Convenience Shop |
| 138 | Contracts Manager |
| 143 | Contracts Manager |
| 144 | Grima & Sons |
| 145 | Gardinar |

| | |
|---|---|
| 152 | WO biex titwessa il-bankina u jisur l-bankijiet |
| 156 | Contracts Manager |
| 158 | Hemm waħda eżistenti quddiem Relax Bar |
| 166 | Perit |
| 170 | Ħaddiema Assenjati |
| 171 | Diga hemm tabelli |
| 173 | Minħabba li qed isir it-tisbieħ tal-playingfield |
| 181 | Ħaddiema Assenjati |
| 182 | Ħaddiema Assenjati |
| 185 | Ma tistax ssir |
| 187 | Hemm Works order |
| 188 | Contracts Manager |
| 191 | Transport Malta |

## 101.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-7.40 pm u ġiet aġġornata għa1-15 ta’ April, 2019, fil-5.30pm

Konfermati, illum 15 ta’ April, 2019

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
DeputatSegretarju Eżekuttiv